

Stqarrija għall-Istampo tal-FRA
Vjenna, 23 ta' Ottubru 2017

Drittijiet fundamentali fis-sorveljanza: aktar fiduċja, sigurtà mtejba

Rapport ġdid mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jiskopri li r-riformi fil-liġijiet tas-sorveljanza qed jitjiebu iżda hemm bżonn ta' kontrolli u bilanċi aħjar sabiex ikunu fl-istess livell tas-setgħat tas-servizzi tal-intelligence. Hu juri kemm huma meħtieġa oqfsa legali ċari, salvagwardji robusti u sorveljanza effettiva biex titjeb is-sigurtà u jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali.

"Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-provvediment ta' sigurtà nazzjonali effettiva mhumiex inkompatibbli; pereżempju, sistemi ta' sorveljanza li jirrispettar id-drittijiet tal-bniedem jaħdmu aħjar," qal [Michael O'Flaherty](#), id-Direttur tal-FRA. "Ir-rispett tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data jżid il-fiduċja fis-servizzi tal-intelligence, itejjeb il-ġbir u l-analiżi tad-data, u fl-aħħar nett isaħħaħ is-sigurtà nazzjonali."

It-tieni rapport "[**Sorveljanza minn servizzi tal-intelligence: salvagwardji u rimedji għad-drittijiet fundamentali fl-UE \(Surveillance by intelligence services: fundamental rights safeguards and remedies in the EU\)**](#)" tal-Aġenzija jesplora l-bidliet legali mir-rapport tal-2015 tagħha u għall-ewwel darba jkopri l-fehma tal-eserti tal-intelligence u tal-kontrolluri nfushom biex jara kif dawn il-liġijiet jaħdmu fil-prattika.

Theddid għas-sigurtà u teknoloġija ġidha rriżultaw f'diversi riformi estensivi fil-liġijiet ta' sorveljanza. Filwaqt li l-oqfsa legali riformati huma aktar ċari, xi drabi għadhom wisq kumplessi, u dan iwassal għal nuqqas ta' ċertezza fuq is-setgħat u l-mandati tas-servizzi tal-intelligence. Dan jeħtieġ salvagwardji aktar b'saħħithom fejn tidħol il-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

Il-ġudikatura, il-korpi ta' esperti speċjalizzati, il-kumitati parlamentari u l-awtoritatijiet tal-protezzjoni tad-data għandhom rwol ċentrali fis-sorveljanza tal-ħidma tas-servizzi tal-intelligence. Madankollu, kif jinnota r-rapport, dawn huma mxekkla minħabba nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni, u kompetenzi, setgħat biex joħorġu deċiżjonijiet vinkolanti, għarfien espert tekniku, riżorsi u indipendenza limitati. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal sorveljanza indipendent bisetgħat u kompetenzi li jkunu biżżejjed. Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-intelligence, fejn is-salvagwardji u s-sorveljanza huma aktar dgħajfa.

Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati kooperazzjoni u kumplimentarjetà sħaħ bejn id-diversi korpi ta' sorveljanza sabiex ikun hemm kopertura kontinwa tal-passi kollha tas-sorveljanza - mill-awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni.

Il-kumplessità ta' min jista' jgħin u s-segretezza li teżisti madwar il-ħidma tal-intelligence wkoll tagħmilha diffiċli biex il-vittmi ta' ksur tad-drittijiet ififtxu rimedji effettivi. Barra minn hekk, ħafna korpi mhux ġudizzjarji li jistgħu joffru appoġġ m'għandhomx l-għarfien espert biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' intelligence, u l-indipendenza u s-setgħat biex jinvestigaw, jaċċessaw materjali, jew joħorġu deċiżjonijiet vinkolanti. Madankollu, ċerti Stati Membri sabu soluzzjonijiet li jippermettu lin-nies jirrikorru għall-ġustizzja permezz ta' mħallfin esperti li jistgħu jaċċessaw informazzjoni klassifikata.

Ir-rapport jaġġorna l-[analiżi legali tal-2015 tal-FRA \(FRA's 2015 legal analysis\)](#) flimkien ma' sejbiet minn aktar minn 70 intervista ma' esperti minn seba' Stati Membri: Il-Belġju, Franzja, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġibok ara l-[Mistoqsijiet u Tweqibiet](#) relatati jew ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642.

Noti lill-edituri:

Il-FRA hija l-korp indipendenti tal-UE għall-[għoti ta' għajjnuna u għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali](#) lill-UE u lill-Istati Membri tagħha.